MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1151/2014

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs.**

**Kurt Manuel Pace (K.I. Numru 65190(M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-17 ta' Diċembru, 2014 li bih **Bank of Valletta p.l.c. (C2833)** (minn issa 'l quddiem imsejjaħ is-soċjetà attriċi), u fejn għar-raġunijiet imfissra s-soċjetà attriċi talbet li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata, datata 25 ta' Mejju 2011 (Dok. "A") fejn is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Kurt Manuel Pace;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Kurt Manuel Pace fis-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€15,687.49) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Kurt Manuel Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kurt Manuel Pace:*

   *(a) Naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi (recte) kif stipulat fl-imsemmija kuntratt (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Kurt Manuel Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;*

5. *Illi l-konvenut Kurt Manuel Pace ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 10 ta' Marzu, 2014, kopja tagħha esebita u mmarkata Dok. "C", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata imsemmija (esebita bħala Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Kurt Manuel Pace (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi (recte) kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Kurt Manuel Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil Kurt Manuel Pace jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€15,687.49) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Kurt Manuel Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 10 ta' Marzu, 2014 u tal-Mandati ta' Sekwestru li qed jiġi ppreżentat kontestwalment kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut **Kurt Manuel Pace (K.I. Numru 65190(M))** għalkemm debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk kien kontumaċi.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Maħluf.

Semgħet ix-xhieda ta’ Dorianne Tanti, *litigation officer* tas-soċjetà attriċi li kkonfermat bil-ġurament li l-konvenut għad għandu jagħti lis-soċjetà attriċi l-istess ammont mitlub fir-Rikors Maħluf peress li minn meta ġiet ippreżentata l-kawża l-konvenut ma kien għamel l-ebda depożitu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju, 2015 fejn l-Avukat Lara Cassar għas-soċjetà attriċi ddikjarat li m’għandhiex aktar provi xi tressaq, u li tirrimetti ruħha għall-atti tal-kawża u talbet li l-kawża titħalla għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Billi mill-provi mhux kontradetti u fil-kontumaċja tal-konvenut, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw mistħoqqa:

**<u>Decide</u>**

**Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti msemmija (Dok. “A”, a fol. 4 sa 7 tal-proċess), billi l-konvenut Kurt Manuel Pace naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mas-soċjetà attriċi; billi l-istess konvenut naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat**

**bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jolqtu ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess soċjetà attriċi;**

**Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Kurt Manuel Pace jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija u sebgħa u tmenin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€15,687.49) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Kurt Manuel Pace mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-21 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut, biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------